Minuti tal-laqgħa numru erbgħin (40) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat (KLR) li nżammet nhar il-Ħamis, 02 ta' Settembru, 2021, f'Jum ir-Rabat, fis-6.20pm f'34, Triq Inguanez, ir-Rabat, Malta.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sandro Craus | Sindku |
| | Matthew Chetcuti | Viċi Sindku |
| | Chris Farrugia | Kunsillier |
| | Kris Grech | Kunsillier |
| | Janice Busuttil | Kunsillier (on-line) |
| | Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Doris Coleiro | Kunsillier (19:30hrs) |
| | Rudolph Grima | Kunsillier (19:30hrs) |
| | | |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv (SE) |

40.01 **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**

Talba u apoloġiji

Ittri ta' apoloġiji ma kienx hemm, però is-Sinjuri Rudolph Grima u Doris Coleiro bagħtu messaġġ lis-SE li se jidħlu tard u anke is-Sur Ian Vassallo fejn qal illi ma jafx jekk jilħaqx jiġi. Dawn kienu aċċettati mill-kunsillieri preżenti. Is-Sra Janice Busuttil kienet on line peress li kienet tinsab imsiefra.

Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus bħala introduzzjoni qal illi llum hu Jum ir-Rabat u dan għal sena oħra ma stajniex nagħmluh b'mod ċelebrattiv minkejja li tellajna filmat fuq il-mezzi soċjali biex ikun mezz edukattiv. Hu laqa' lis-Sa Janice Busuttil bħala kunsillier minflok is-Sur Alan Said u qal li jinsab ċert li se tagħti kontribut siewi bħala kunsillier, lir-Rabtin kollha.

40.02 **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta numru disgħa u tletin (39)**

Minuti

Il-minuti tas-seduta numru disgħa u tletin kienu kkunsidrati moqrija u sarulhom xi korrezzjonijiet kif indikati fuq il-kopja oriġinali. Dawn kienu proposti mis-Sindku is-Sur Sandro Craus u ssekondati mill-Viċi Sindku, is-Sur Matthew Chetcuti u kienu approvati u ffirmati bil-korrezzjonijiet.

Punti mill-Minuti – Ġnien quddiem il-Knisja ta' San Duminku

Għall-proposta tar-riġenerazzjoni tal-Ġnien quddiem il-Knisja ta' San Duminku li ssemmiet fil-laqgħa preċedenti, intqal illi bl-*istorm run off harvest* hu possibbli u fattibbli li jinġemgħa l-ilma għat-tisqija. Dan fil-kuntest ta' *Rain Garden* propost fl-applikazzjoni tal-Kunsill tal-programm Leader Malta-Italja. Is-SE reġa' esebixxa l-pjanti tal-Perit Charles Buhagiar fejn hemm indikati li jsiru bandli għat-tfal żgħar u tip ta' funtana/kaskata.

40.03 **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 327 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 46.**

Ċedoli tal-pagamenti u xiri

Iċ-ċedola tal-pagamenti numru 327 kienet approvaat kif inhi minbarra item 14544 li kienet repetizzjoni ta' item 14438.

40.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Mistoqsijiet

40.04.01 Is-Sur Chris Farrugia tkellem dwar pjattaforma għall-imwejjed u s-siġġijiet li tfaċċat fi Triq il-Karrijiet kantuniera ma Triq San Pawl u qal li f'daqqa waħda din tneħħiet. Hu talab spjegazzjoni li ma kellhomx għaliha la s-

Pjattaforma għall-imwejjed u s-siġġijiet

Sindku u lanqas is-SE. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali talbu laqgħa dwar dawn il-pjattaformi biex ikunu diskussi fil-fora ġusta u l-KLi jkollhom aktar vuċi f'dawn il-permessi.

40.04.02 Is-Sur Chris Farrugia talab sabiex isir iż-żbir tas-siġar fi Vjal il-Ħaddiem u tal-Virtù fuq il-promenade. Kunsillieri oħra talbu wkoll sabiex isir żbir ta' siġar f'Għar Barka wkoll. Se napplikaw mal-ERA biex dawn il-friegħi li jinsabu sporġuti 'l barra fit-toroq jinqatgħu u ma jkunux ta' periklu. Żbir ta' Siġar

40.04.03 Is-Sur Nazju Cassar fakkar fl-imirja li s-SE qal li huma ordnati għall-Vjal il-Ħaddiem quddiem il-*Car Park*. Is-Sur Cassar qal li hemm bżonn oħra fejn il-*Maypole* fl-istess triq filwaqt li s-Sra Janice Busuttil qalet illi hemm rikjesta ta' oħra viċin ir-roundabout ta' San Ġużepp, f'Wesgħet Anton Agius. Imirja tat-toroq

40.04.04 Is-Sur Matthew Chetcuti żied jgħid illi l-proġett ta' Triq Santa Rita jonqsu rampa żgħira bejn it-triq u l-bankina bi dritt ir-rampa tas-siġġijiet tar-roti eżistenti fi Triq ir-Rebħa. Rampa fi Triq ir-Rebħa.

40.04.05 Is-Sur Chris Farrugia semma' l-problema tal-ilma tax-xita fil-Pjazza tal-Parroċċa. Hu qal illi is-Sur Pawlu Ciantar issuġġerielu tibdil minimu fl-infrastruttura biex tittaffa' din il-problema li qed tolqot lilu. Intant issemmiet il-proposta biex jitilqu l-parkeġġi ta' quddiem il-Parruċċan u jmorru faċċata tal-Għassa fi Triq Santa Rita u kien hemm proposta oħra biex fi Triq Santa Rita l-parkeġġ isir għal sagħtejn biss. Din tal-aħħar ma ntlaqgħetx kif inhi għaliex ħafna mil-vetturi jkunu tar-residenti li joqgħodu hemm stess. Għaldaqstant, ir-residenti se jkunu esklużi minn din is-sistema ta' parkeġġ. Ilma tax-xita fil-Pjazza tal-Parroċċa. Parkeġġi fi Triq Santa Rita

40.04.06 Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus ippropona li nżidu c-*charging pillars* fi Triq Santa Rita ħalli jkunu aġevolati dawk il-vetturi li jħammġu l-inqas. Charging Pillars

40.04.07 Dwar l-offerta pubblika għax-xiri ta' vetturi elettriċi għar-Rabat u l-Imdina, is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi s-servizz ta' trasport speċjalment għall-anzjani biex imorru l-Poliklinika u sabiex jinqdew mill-uffiċċju tas-Servizzi Soċjali u l-banek hu mportanti ħafna. Għaldaqstant hu ppropona li jsir *working group* bi speċi ta' sotto kumitat biex jimmaniġġja dan t-trasport. Servizz b'vettura elettrika fir-Rabat

40.05 **Talba għal kumpens – inċident b'vettura** Talba għal rifużjoni

It-talba għall-kumpens minħabba aċċident b'vettura fit-Triq tal-Baħrija mis-Sur Clayton Camilleri kienet miċħuda għaliex ma kienetx korraborata b'rapport tal-Pulizija u min hemm jgħaddu diversi vetturi u ma kienx hemm problemi simili ta' ħsarat fir-roti.

40.06 **Talba għal esebizzjoni u diskussjoni politika fi Pjazza Saqqajja minn Għaqda Repubblika, Electric Cars Roadshow minn Muscat Motors u sabiex jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem il-PL Club, Tal-Gagin Restaurant, żewġ stabbilimenti fi Pjazza San Katald u Cross Road Bar.** Permessi

Il-permess għall-esebizzjoni, diskussjoni politika bl-isem *Daphne Story*, l-Electric Cars Roadshow, it-tqegħid tal-imwejjed u s-siġġijiet fi Pjazza San Katald, quddiem il-Cross Road Bar fi Triq Gorg Borg Olivier u fil-Pjazza

tal-Baħrija minn Gagin Bar kienu approvati unanimament. Qabel jingħata l-permess lill-Partit Laburista biex jinħarġu l-imwejjed u s-siġġijiet barra, irid ikun assikurat li jitħalla passaġġ ta' 1.6 metres biex jgħaddi siġġu tar-roti. Dan se jsir billi is-SE se jindaga hu f'din il-ħaġa.

40.07 **Talba għat-trasferiment ta' nofs il-*vacation leave* tas-SE mill-2021 għall-2022.** Vacation leave tas-SE

Il-KLR qabel illi nofs il-vacation leave tas-sena 2021 tas-SE jkun trasferit għas-sena 2022.

40.08 **Stima tax-xogħlijiet previsti fi Pjazza tas-Saqqajja** Xogħlijiet fis-Saqqajja

Għax-xogħlijiet previsiti għall-Pjazza tas-Saqqajja, il-Perit Charles Buhagiar għamel stima ta' €216,495.99. Is-Sindku qal illi dawn ix-xogħlijiet se jsiru kollha minn Infrastruttura Malta u għaldaqstant mhux se jkun hemm għalfejn inħabblu moħħna fuq il-finanzjament tal-proġett. Madankollu bdejna l-proċeduri biex jinħarġu l-permessi mid-Dipartiment, Gvern Lokali, l-Awtorità tal-Artijiet u imbgħad dik tal-Ippjanar.

40.09 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2020 bl-aġġustamenti tal-Awditur** Audited Financial Statements 2020

L-*Audited Financial Statements 2020* kienu approvati bl-aġġustament tal-Awdituri Grant Thornton b'mod unanimu. Dawn se jkunu ppreżentati lill-awtoritajiet kollha konċernati. Kemm ir-rapport kif ukoll l-aġġustamenti kienu mogħtija mal-agenda lill-kunsillieri biex ikollhom ċans jarawhom minn qabel.

** **Is-Sinjuri Rudolph Grima u Doris Coleiro daħlu għal-laqgħa fis-7:30pm**

40.10 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju tal-ewwel kwart 2021** Rapport Finanzjarju Jan-Mar 2021

Ir-rapport kien ikkunsidrat u kien innutat illi d-dħul kien ta' €326,256.00 u l-ħruġ kien ta' €407,374.00 b'deficit ta' €81,117.00. Dan ir-rapport kien approvat unanimament.

40.11 **Petizzjoni biex titpoġġa sleeping policeman fi Triq Inguanez** Sleeping Policeman

Kien hemm qbil unanimu li ssir fil-post fejn kien hemm oħra qabel inqalgħet it-triq u sar resurfacing minn Infrastruttura Malta.

40.12 **Rapport Finanzjarju ta' Awwissu 2021 mill-Accountant tal-Kunsill** Rapport Finanzjarju tax-xahar ta' Awwissu

Dan ir-rapport ma wasalx sal-bidu tas-seduta. Għaldaqstant se jkun diskuss fis-seduta li jmiss.

40.13 **Is-seba' konferenza internazzjonali 'Security, Democracy & Cities' f'Nizza bejn l-20 u t-22 ta' Ottubru, 2021** Konferenza Internazzjonali

Is-SE qal illi s-Sur Chris Farrugia xtaq jattendi għal din il-konferenza. Peress li l-parteċipanti huma mitluba jħallsu kollox huma, il-KLR se jistaqsi jekk jistax jagħmel tajjeb għal dawn il-ħlasijiet hu għas-Sur Farrugia peress li din hija waħda mportanti.

40.14 **Bye-Law proposta għall-Użu ta' Faċilitajiet fir-Rabat** Bye-law għall-użu tal-faċilitajiet

Il-bye law proposta għall-użu tal-faċilitajiet għaddiet unanimament u s-Sur Sandro Craus qal illi qed isir xogħol fuq bye-law oħra għat-traffiku ristrett fir-Rabat minn Dr Richard Sladden biex tkun preżentata dalwaqt.

40.15 **Proposta għall-Belveder tal-Virtù mil-Perit tal-Kunsill** — Belveder tal-Virtù

Is-SE esebixxa l-pjanti li kienu magħmula mil-Perit Charles Buhagiar fejn hemm tliet galleriji sporġuti 'l barra fuq il-belveder tal-Virtù. Il-KLR qabel mal-proposta u fil-futur se tkun sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar.

40.16 **Punti Oħra** — Punti oħra

40.16.01 Is-Sur Nazju Cassar talab sabiex il-kaxxa tal-van Mazda tiġi estiża 'l fuq biex jesgħa aktar mingħajr ma jixxerred dak li jkun hemm fih. — Estenzjoni tal-kaxxa tal-van

40.16.02 Is-Sur Nazju Cassar staqsa dwar il-poġġaman fit-turġien min Triq ir-Rebħa għal Triq Santa Rita. Is-Sindku qal illi għal tul ta' 'l fuq 200 metru talbuna €38,000.00 biex dan isir tal-istainless steel. Is-SE ġab stima oħra li xorta waħda kienet 'l fuq aktar mit-treshold tal-kwotazzjonijiet u għaldaqstant trid toħroġ offerta pubblika biex dan il-poġġaman isir tal-aluminium. Din kienet esebita dak il-ħin fuq l-iscreen. Intant is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi talab oħra tal-ferrobattuto li għadna qed nistennewha. — Poġġaman għal Triq ir-Rebħa/Triq Santa Rita

40.16.03 Is-Sra Doris Coleiro lmentat illi fi Triq San Franġisk xorta waħda qed ikun hemm problema għaliex għal tliet ġimgħat sħaħ il-parkeġġ b'vettura ta' persuna li mietet qed tkun imħollija pparkjata fuq *disabled parking bay*. Dwar dan se nerġgħu ninfurmaw lill-Pulizija tal-Komunità. — Disabled parking bay

40.17 **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.** — Aġġornament

Il-laqgħa se ssir fit-29 ta' Settembru fis-6:00pm u din spiċċat fit-20:30pm.

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |

Meħuda mis-Sur Anthony Bonello u approvati llum 29 ta' Settembru 2021 mis-Sur Sandro Craus

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |